MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 460/2003

**The General Soft Drinks Co. Ltd**

**vs**

**Anthony Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm483.58) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut f'China White Restaurant, kif jirrizulta mid-dokument "1" anness ma'l-avviz.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mill-5 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-13 ta' Frar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm483.58), bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Settembru 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------